**28 ta' April, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Ir-Repubblika ta' Malta

*versus*

Andrew *sive* Andrea Facchetti *et*

## Xhud Joġġezzjona li Jirrispondi Mistoqsija - Informazzjoni Privileġġata - Artikoli 587, 590, 637 tal-Kodiċi ta' Proċedura

*Is-subinċiż (4) ta' l-artikolu 637 tal-Kap. 12 jelenka dawk il-każi kollha meta dokument li jifforma parti minn korrispondenza ta' dipartiment tas-servizz ċivili jew militari jista' jissejjaħ dokument privileġġat.*

*Il-Qorti ssottolineat il-kelma "leġittimi" biex tenfasizza l-ħtieġa ta' leġittimità tal-proċeduri addottati minn xi dipartiment billi mhux kull dokument li l-kxif tiegħu jista' jippreġudika l-effikaċja ta' dawk il-metodi jew proċeduri jista' jissejjaħ dokument privileġġjat.*

Il-Qorti:-

Wara li rat dak li ġie vverbalizzat fl-udjenza tal-15 ta' Jannar, 1996, meta kien qed jixhed in-Nutar Dr. Alex Sceberras Trigona li kien ġie prodott minn Frederick Attard, fejn intqal hekk:

"Ix-xhud jitlob il-protezzjoni tal-Qorti in kwantu kwalunkwe informazzjoni li hija a konoxxenza tiegħu u li tirrizulta minn diskussjonijiet preliminari bejn membri ta' l-esekuttiv u li ma jammontawx għal deċiżjoni esekuttiva hija informazzjoni privileġġjata peress illi hija diskrezzjoni esekuttiva għar-rigward tad-deċiżjonijiet kollha li setgħu ittieħdu minnu fil-vesti ta' Ministru tal-Kultura. Hu jagħmel referenza għall-minuti li jinsabu fil-*files* tal-Ministeru";

Din it-talba tax-xhud saret waqt li kien qed jiġi interrogat in konnessjoni ma' laqgħa li allegatament saret bejn l-istess xhud, fil-vesti tiegħu ta' Ministru tal-Kultura, Dr. Philip Muscat, bħala ex-ministru responsabbli għat-TeleMalta, Fr. Marius Zerafa, Direttur tal-Mużew u tekniku jew tekniċi tat-Telemalta. Minkejja l-insistenza tad-difensur ta' Frederick Attard, ix-xhud la ried jikkonferma u lanqas jiċħad li hu kien preżenti għal din il-laqgħa. Rinfaċċjat b'dak li xehed Dr. Philip Muscat li kkonferma li din il-laqgħa kienet sart fl-uffiċċju tal-Ministru ta' -Affarijiet Barranin u fil-presenza ta' l-istess xhud, in-Nutar Alex Sceberras Trigona, l-istess xhud, mistoqsi mill-Qorti jekk jiftakarx li saret din il-laqgħa u li kien preżenti, xorta waħda qal: "Ma nistax nikkonferma jew niċħad";

Ix-xhud għalhekk jidher li mhux qed jgħid li ma jiftakarx l-inċident, jew li ma jafx bih. Lanqas mhu qed jistrih fuq dak li jipprovdi l-artikolu 589 tal-Kap. 12 billi jitlob li ma jweġibx għall-mistoqsija għax it-tweġiba tista' tissuġġettah għal

proċeduri kriminali. Ix-xhud sempliċement jirrifjuta li jirrispondi fl-affermattiv jew negattiv;

Naturalment, l-indaġini tad-difensur ta' Attard mhijiex limitata għal kostatazzjoni tal-fatt jekk inżammitx din il-laqgħa jew le. L-indaġini tmur oltre billi Frederick Attard irid jasal għall-iskop oriġinali tiegħu kif imsemmi fin-nota tiegħu tat-8 ta' Novembru, 1990 li ppromwoviet din ir-referenza kostituzzjonali u ċjoè jekk sarx *tapping* jew *monitoring* jew *eavesdropping* fuq it-telefon privat tiegħu. L-iskop ta' l-indaġini għalhekk huwa aktar wiesgħa u intiż sabiex jiġi stabbilit x'diskussjonijiet saru fir-rigward tat-telefonati li kien qed jirċievi Fr. Marius Zerafa u, konsegwentement, x'deċiżjonijiet ittieħdu. Dan kollu huwa l-meritu proprju ta' din l-indaġini ordnata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, bid-digriet tagħha tad-29 ta' Novembru, 1990. In forza ta' dak id-digriet il-kwistjoni kostituzzjonali ssollevata f'dawk il-proċeduri minn Frederick Attard, bin-nota msemmija, ġiet riferita lil din il-Qorti a termini ta' l-artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni;

L-oġġezzjoni tax-xhud li jirrispondi u t-talba tiegħu għall-protezzjoni ta' din il-Qorti, trid għalhekk tiġi kkunsidrata f'żewġ stadji separati. L-ewwelnett wieħed irid jara jekk l-oġġezzjoni tiegħu li jirrispondi dwar jekk saritx l-imsemmija laqgħa u .... separat x'kien ġie diskuss u deċiż f'dik il-laqgħa;

Kien għalhekk li l-istess xhud meta ġie mitlub mid-difiża jgħid x'jaf fuq dan l-inċident reġa' talab il-protezzjoni tal-Qorti billi stqar li fil-kwalità ta' Ministru ta' dak iż-żmien dan kien xogħol professjonali li kien qed jagħmel;

Il-kwistjoni għalhekk tinkwadra ruħha dwar jekk kull tagħrif li jasal għand Ministru u kull diskussjoni li jista' jkollu l-istess Ministru fil-vesti tiegħu uffiċjali għandux jiġi

kkunsidrat bħala kunfidenzjali u għalhekk privileġġat u bħala tali meritevoli tal-protezzjoni ta' din il-Qorti a termini ta' l-artikolu 590 tal-Kap. 12;

Ikkunsidrat:

Id-drittijiet u l-obbligi ta' persuna li titpoġġa fuq il-pedana tax-xhieda huma rregolati b'dak li jipprovdu l-artikolu 587 sa 590 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Bħala regola ġenerali x-xhud għandu jwieġeb għal kull mistoqsija li l-Qorti tippermetti li ssirlu; u l-Qorti tista' ġġiegħlu jwieġeb billi tordna d-detenzjoni tiegħu sakemm ikun ħalef u wieġeb (artikolu 587);

Mill-atti tal-kawża jidher li x-xhud ma jinkwadrax f'xi waħda mill-klassifiki speċifikati fl-artikolu 588 tal-Kap. 12. Konsegwentement la kien jirrikjedi l-kunsens tal-klijent, bħal fil-każ tal-qassis jew ta' l-avukat u lanqas ordni espressa tal-Qorti, bħala fil-każ ta' l-*accountant*, it-tabib jew *marriage councillor*;

Kif rajna aktar 'il fuq ix-xhud lanqas strah fuq dak li jipprovdi l-artikolu 589 tal-Kap. 12, billi, raġonevolment ma jistax jimputa lilu nnifsu responsabbli għall-att kriminali waqt il-qadi tad-dmirijiet tiegħu bħala Ministru tar-Repubblika. Isegwi li l-artikolu 643 tal-Kap. 9, imsemmi mid-deputat Avukat Ġenerali fin-nota tiegħu mhux rilevanti;

Issa mill-verbal ta' l-udjenza tal-15 ta' Jannar, 1996 jidher li l-Qorti mhux biss ippermettiet li ssir il-mistoqsija magħmula mid-difensur ta' Attard, iżda kienet hi stess li nterrogat lix-xhud fuq l-inċident u dana billi ħasset li dak kien il-kompitu tagħha fl-ambitu tar-referenza li saritilha mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Għalhekk proprjament ix-xhud kien tenut iwieġeb;

L-artikolu 590 (1), fuq imsemmi, jipprospetta żewġ każi meta l-Qorti għandha d-diskrezzjoni li tiddeċiedi xhud iweġibx għall-mistoqsija. L-ewwel każ hu ta' meta t-tweġiba tista' ttellef il-ġieħ ta' dik il-persuna - raġuni din li mhux qed tinġieb mix-xhud u għalhekk mhux ser tiġi kkunsidrata. Fit-tieni lok din id-diskrezzjoni hija ukoll mogħtija lill-Qorti meta b'dik it-tweġiba x-xhud jista' jikxef xi ħwejjeġ li jistgħu jkunu ta' ħsara għas-servizz pubbliku. Din il-possibilità ser tiġi kkunsidrata flimkien ma' u bħala konsegwenza ta' dak li sejjer jingħad fir-rigward ta' dak ipprovdut fis-subinċiż (2) ta' l-istess artikolu;

Is-subartikolu 2 ta' l-artikolu 590 jgħid li ebda xhud "ma jista' jkun imġiegħel jikxef ħwejjeġ li jkun sar jaf minn jew dwar xi dokument li jkun ta' jew fil-pussess ta' xi dipartiment ċivili, militari, navali jew tal-forzi ta' l-ajru tas-servizz pubbliku u li hu dokument privileġġat, skond l-artikolu 637". Fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu d-deputat Avukat Ġenerali tar-Repubblika kkumenta hekk dwar dan l-artikolu:

"Evidentement il-liġi trid tkopri bi privileġġ mhux il-karti msemmija in kwantu tali iżda s-sustenza tal-kontenut tagħhom in kwantu jirrappreżentaw komunikazzjonijiet interni bejn uffiċjali jew funzjonarji pubbliċi u l-pubbliku";

Sa hawn il-Qorti taqbel perfettament mas-sottomissjoni ta' l-abbli difensur. Iżda l-imsemmi subartikollu jorbot kollox ma' l-hekk imsejħa "dokumenti privileġġjati" u għalhekk id-divjet impost fl-imsemmi subartikolu għandu effett kemm-il darba dak it-tagħrif jifforma parti minn tali dokument privileġġat;

Bħala prinċipju s-subinċiż (3) ta' l-artikolu 637 tal-Kap. 12 jippreksrivi li "ma tistax tintalab l-esebizzjoni ta' dokument privileġġat li jagħmel sehem minn korrispondenza ta' dipartiment tas-servizz ċivili, militari, navali jew tal-forzi ta' l-

ajru, jew ta' rapport ta' dak id-dipartiment". Dak li jippreksrivi s-subinċiż (2) ta' l-artikolu 590 hu konsegwenza naturali tad-divjet impost f'dan l-artikolu. Ikun kontrosens li ma tippermettiex l-esebizzjoni ta' dokument u fl-istess nifs tippermetti mistoqsijiet lil xhud intiżi biex jiżvelaw il-kontenut ta' dak l-istess dokument;

Iżda kif ġà għidna tali dokument irid ikun privileġġat skond ma tippreskrivi l-liġi. Is-subinċiż (4) ta' l-artikolu 627 tal-Kap. 12 jelenka dawk il-każi kollha meta dokument, li jifforma parti minn korrispondenza ta' dipartiment tas-servizz ċivili, militari, eċċ, jista' jissejjaħ "dokument privileġġjat";

Tenut kont tal-meritu ta' din ir-referenza kostituzzjonali u ċjoè l-indaġini dwar ksur tad-dritt kostituzzjoni sanċit mill-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni, dokument privileġġjat attinenti għal każ ta' ksur tad-dritt ta' l-intimità tad-dar jew proprjetà oħra, lamentat minn Frederick Attard, hu dak deskritt fl-artikolu 637 (4) (e) (ii) tal-Kap. 12. Dan jgħid hekk:

"Għall-finijiet tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, dokument jissejjaħ dokument privileġġjat meta jkun dokument li jista' jew li raġonevolment ikun mistenni li jista' jikxef metodi jew proċeduri leġittimi għall-prevenzjoni, il-kxif, l-investigazzjoni jew li jkollhom x'jaqsmu ma' ħwejjeġ li joħorġu jew ikun raġonevolment mistenni li jippreġudika l-effikaċja ta' dawk il-metodi jew proċeduri";

Is-sottlinear magħmul mill-Qorti hu intiż sabiex jenfasizza l-leġittimità ta' dawk il-proċeduri adottati minn xi dipartiment eċċ., billi mhux kull dokument li l-kxif tiegħu jista' jippreġudika l-effikaċja ta' dawk il-metodi jew proċeduri, jista' jissejjaħ dokument privileġġjat u għalhekk igawdi mid-divjet sanċit mis-subinċiż (3) ta' l-artikolu 637;

Issa, fil-każ in eżami, qed jiġi allegat li dak li ġie diskuss u deċiż waqt il-laqgħa li saret fl-uffiċċju tal-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin kien proprju in kontravvenzjoni tal-liġi billi "ġie ordnat" *tapping*, jew xi forma oħra ta' *monitoring*, tas-sistema telefoniku ta' Attard, liema tapping, fiż-żmien rilevanti, ma kienx awtorizzat b'liġi u għalhekk ċertament jista' jiġi kkunsidrat bħala li jikkontravvjeni l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni;

Għalhekk la darba r-referenza kostituzzjonali saret proprju sabiex jiġi determinat dan il-fatt, liema fatt jinċidi b'mod sostanzjali fuq il-proċeduri kriminali meħuda kontra Attard, din il-Qorti ma tarax kif tista' tikkunsidra favorevolment it-talba tax-xhud, stante li ma jidhirx li din tinkwadra ruħha taħt is-subinċiż (2) ta' l-artikolu 590;

Konsegwentement, il-Qorti, filwaqt li tiċħad it-talba tax-xhud, tuża d-diskrezzjoni tagħha a termini ta' l-artikolu 590 (1) tal-Kap. 12, u konsegwentement tordna lill-istess xhud iwieġeb għall-mistoqsijiet magħmula lilu in konnessjoni ma' l-allegata laqgħa msemmija fix-xhieda tal-15 ta' Jannar, 1996 u dwar kull deċiżjoni li setgħet ittieħdet fl-istess laqgħa dwar metodu ta' *tapping* jew *monitoring*, jekk ikun il-każ, tas-sistema telefonika u senjatament fir-rigward tas-servizz ipprovdut lil Frederick Attard, u fin-nuqqas tirriserva li tipprovdi a termini ta' l-artikolu 587 tal-Kap. 12.